

AĠENZIJA EWROPEA GĦALL-MEDIĊINI

Sejħa permanenti għal turija ta' interess għal Aġenti Kuntrattwali għal assenjazzjonijiet temporanji (Londra)

L-Aġenzija hija responsabbli għall-koordinament tal-valutazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju fl-Unjoni Ewropea (ara r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 726/2004 tal-31 ta' Marzu 2004, Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea Nru L 136/1 tat-30 ta' April 2004). L-Aġenzija ġiet stabbilita f'Jannar tal-1995. Għandha ħafna kuntatti mill-qrib mal-Kummissjoni Ewropea, mas-27 Stat Membru tal-UE, mal-pajjiżi taż-ŻEE u tal-EFTA u ma' ħafna gruppi oħra fil-gvern u fis-settur privat. L-Aġenzija hija ambjent ta' xogħol multikulturali u stimulant.

Aktar informazzjoni dwar l-Aġenzija u l-attivitàjiet tagħha hija disponibbli permezz tal-Internet; l-indirizz tas-sit tagħna huwa <http://www.ema.europa.eu>

L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini tixtieq tistabbilixxi lista ta' kandidati interessati sabiex jaħdmu bħala aġenti kuntrattwali għal żmien determinat. Il-profil tax-xogħlijiet huma ppubblikati f'dokument separat li huwa disponibbli mis-sit elettroniku tal-Aġenzija.

KUNDIZZJONIJET ĠENERALI

Il-kandidati magħżula se jitniżżlu f'lista ta' riżerva u jistgħu jkunu offruti kuntratt ta' aġent kuntrattwali għal żmien determinat, li jdum minn tliet xhur għal ħames snin, skont ir-reġim applikabbli lill-aġenti oħra tal-Komunità Ewropej (*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej Nru L 56 tal-4 ta' Marzu 1968*)¹ u d-dispożizzjonijiet implimentattivi ġenerali tal-Aġenzija dwar il-proċeduri li jirregolaw ir-reklutaġġ u l-użu ta' personal kuntrattwali fl-Aġenzija². It-tul l-aktar komuni ta' assenjazzjoni offrut fl-Aġenzija huwa ta' sena.

Reklutaġġ temporanju jista' jinkludi s-sostituzzjoni ta' aġenti temporanji tal-Aġenzija (pereżempju għal raġunijiet ta' lif tal-maternità, lif tal-paternità, lif tal-familja, lif tal-ġenituri, lif bla ħlas jew lif minħabba mard għal żmien twil) jew xogħol fuq proġetti speċifiċi għal perjodu ta' żmien qasir. Il-kuntratt ta' aġent kuntrattwali ma jistax iwassal għal kuntratt ta' aġent temporanju mingħajr il-parteċipazzjoni b'suċċess minn proċedura ta' selezzjoni addizzjonali. Il-kuntratt ta' aġenti kuntrattwali ma jiġġeddux aktar minn darba.

Il-post tal-impjieg huwa Canary Wharf, Londra.

Il-kandidati għandhom ikunu ċittadini ta' Stat Membru tal-Komunitajiet Ewropej, jew tal-Iżlanda, in-Norveġja jew il-Liechtenstein, u jgawdu mid-drittijiet kollha bħala ċittadini.

Il-kandidati għandhom ikunu ssodisfaw l-obbligi kollha imposti fuqhom minn liġijiet dwar servizz militari u ssodisfaw il-ħtiġiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-karattru biex ikunu jistgħu iwettqu d-dmirijiet relatati ma' dan ix-xogħol.

Għal kull proċedura ta' selezzjoni, il-kandidati għandhom jimxu mal-proċedura tal-applikazzjoni skont l-istruzzjonijiet mogħtija hawn taħt.

Il-materjal kollu li jrid jidħol fil-fajl tal-kandidati għandu jintbagħat mill-ġdid: ma tista' ssir l-ebda referenza għal applikazzjonijiet li jkunu saru qabel. L-ebda materjal li hemm fil-fajl tal-kandidati mhuwa sejjer jintradd lura. Il-mistoqsijiet kollha fil-formola għandhom jimtlew fl-intier tagħhom.

L-applikazzjonijiet għandhom jiġu ppreżentati elettronicament permezz tal-formola li hija disponibbli mis-sit elettroniku tal-Aġenzija

Jekk jogħġbok żomm f'moħħok li minħabba n-numru kbir ta' applikazzjonijiet li nistgħu nirċievu, meta toqrob id-data ta' skadenza tal-preżentazzjoni, is-sistema tista' tiltaqa' ma' xi diffikultajiet sabiex tipproċessa dak l-ammont kbir ta' dejta. Għaldaqstant, huwa

¹ http://ec.europa.eu/civil_service/docs/toc100_en.pdf

² <http://www.eme.europa.eu/pdfs/general/admin/recruit/42125407en.pdf>

rakkomandabbli li min japplika, jibgħat l-applikazzjoni tiegħu ferm aktar qabel mid-data ta' skadenza.

Proċedura tal-Applikazzjoni

Il-proċedura tal-applikazzjoni tinqasam f'ħames fażijiet:

1. Pubblikazzjoni tal-profil tax-xogħol
2. Preżentazzjoni elettronika tal-applikazzjoni
3. Tiftixa bil-kelma fost il-kandidati
4. Intervisti u testijiet bil-miktub
5. Preżentazzjoni ta' applikazzjoni kompleta

Fażi 1 Pubblikazzjoni tal-profil tax-xogħol

L-Aġenzija toħroġ sejħiet permanenti għal turija ta' interess għal għal profili ta' xogħol l-aktar komunement meħtieġa sabiex jinstab il-persunal tagħha. Minbarra s-sejħa permanenti tagħha l-Aġenzija ħarġet tnedija ta' sejħiet speċifiċi minn żmien għal żmien għal turija ta' interess għal aġenti kuntrattwali sabiex jistiednu kandidati biex japplikaw għal profili tax-xogħol speċifiċi.

Il-kandidati li japplikaw għal sejħa permanenti u kandidati li japplikaw għal sejħa speċifika għandhom jużaw il-formola elettronika li hija disponibbli mis-sit web u jiddaħħlu fl-istess dejtabeż.

Kull profil ta' xogħol ippubblikat għandu jidentifika l-aktar kelmiet importanti li ser jiġu użati biex isir tiftix fid-dejtabeż għal applikazzjonijiet għal kull profil.

In-notifiki jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej kif ukoll fuq is-sit web tal-Uffiċċju Ewropew tal-Għażla tal-Persunal u fuq is-sit web tal-Aġenzija, li jkun fihom in-notifika tas-sejħa speċifika għal turija ta' interess, u ser tagħti l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti essenzjali. L-avviżi tas-sejħa speċifika għal turija ta' interess tista' tiġi reklamata wkoll f'ġurnali speċjalizzati jew siti tal-internet, skont in-natura tal-pożizzjonijiet li jkun ġie ppjanat għalih ir-reklutaġġ.

Għal sejħiet speċifiċi għal turija ta' interess l-Aġenzija tibgħat avviż bil-posta elettronika lill-kandidati kollha li jkunu reġistrati fis-servizz ta' sottoskrizzjoni onlajn tal-Aġenzija, disponibbli fuq http://list.ema.europa.eu/mailman/listinfo/ema_recruitment_procedures, fl-ewwel jum li fih jiġi jitħabbar profil tax-xogħol ġdid.

F'każ ta' sejħiet speċifiċi għal turija ta' interess in-notifika tal-post vakanti ser tibqa' ppubblikata għal xahar qabel jiġi kkunsidrati xi formoli ta' applikazzjoni.

Fażi 2 Preżentazzjoni elettronika tal-applikazzjoni

Fit-tieni fażi, il-kandidati għandhom jippreżentaw l-applikazzjoni tagħhom elettronikament billi jużaw il-formola tal-applikazzjoni disponibbli bl-Ingliż fuq is-sit web tal-Aġenzija. It-traduzzjonijiet tal-formola tal-applikazzjoni huma disponibbli għal finijiet ta' referenza fil-lingwi uffiċjali l-oħra. Il-partijiet kollha tal-formola jridu jimtew fl-intier tagħhom.

Il-kandidati huma rakkomandati sabiex ifornu informazzjoni dettaljata fuq il-formola tal-applikazzjoni tagħhom. Kwalunkwe kandidat li jinstab li għamel dikjarazzjoni falza jew li jipprovdi informazzjoni mhux kompluta dwar l-għarfien jew l-esperjenza tiegħu fuq il-formola tal-applikazzjoni jista' jiġi skwalifikat mill-fażi ta' selezzjoni f'fażi sussegwenti.

Qabel ma jippreżentaw l-applikazzjoni tagħhom, il-kandidati għandhom jivverifikaw u jikkontrollaw jekk jissodisfawx il-kundizzjonijiet kollha għall-ammissjoni stabbiliti fl-avviż tal-pubblikazzjoni, partikolarment f'termini ta' kwalifiki, l-esperjenza professjonali rilevanti u l-perjodu tal-esperjenza professjonali.

L-Aġenzija taċċetta formoli tal-applikazzjoni elettroniċi biss li jintbagħtu bil-posta elettronika. Dan sabiex l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet ikun aktar effiċjenti, li jkun ta' ġid kemm għall-Aġenzija kif ukoll għall-applikanti. L-applikazzjonijiet għandhom jiġu ppreżentati lil selection_procedures@ema.europa.eu. Applikazzjonijiet li jintbagħtu bil-posta elettronika f'indirizz ieħor ma jistgħux ikunu aċċettati.

It-tim tal-persunal mill-Aġenzija ser jibgħat approvazzjoni ta' riċevuta b'email bin-numru ta' protokoll li l-kandidat jiġi mogħti.

Jekk kandidat ikun jixtieq jibgħat formola tal-applikazzjoni aġġornata, dan ikun possibbli fi kwalunkwe żmien. Kulmeta kandidat jibgħat formola tal-applikazzjoni ġdida, il-qadima tiġi awtomatikament. Il-kandidati jistgħu jirtiraw l-applikazzjoni tagħhom fi kwalunkwe ħin.

Rakkomandazzjonijiet prattiċi oħra dwar il-preżentazzjoni elettronika tal-applikazzjoni jingħataw fi tmiem dan id-dokument.

Fażi 3 Tiftixa bil-kelma fost il-kandidati

Il-kandidat(i) li huwa/huma l-aktar adattat (i) għall-istadju li jmiss huma magħżula skont mekkaniżmu bi stil ta' tiftix tal-kliem bil-Google fost l-applikanti fid-dejtabejż minn rappreżentant mill-bord ta' selezzjoni. Kliem addizzjonali meħuda mill-profil ippubblikat fis-sejħa għal turija ta' interess jistgħu jiġu miżjudi jekk is-subsett ta' kandidati li jirriżulta huwa kbir wisq.

Peress li l-eżerċizzju jikkonċerna l-għażla wara sejħa għal turija ta' interess, kandidati li ma jiġux mistiedna għal intervista mhux se jiġu infurmati individwalment.

Formoli ta' applikazzjoni li huma eqdem minn 24 xahar se jiġiħassru mir-rekords tagħna għal raġunijiet ta' protezzjoni tad-dejta. Jekk kandidat ma jkunx mistieden għall-intervista fi żmien 24 xahar huwa/hija jista' jerġa' japplika, madankollu, huwa neċessarju li jerġa' jissottometti applikazzjoni sħiħa mill-ġdid.

Fażi 4 Intervisti u testijiet bil-miktub

Jiġi stabbilit bord ta' selezzjoni. Dan jikkonsisti minn membri maħtura mid-Direttur Eżekuttiv u mill-Kumitat tal-Persunal. Il-kandidati magħżula fost l-applikanti kollha, li l-bord ta' selezzjoni jqis bħala li jaqblu l-aktar mal-profil meħtieġ, jiġu mistiedna għall-intervista kif u meta tinqala l-ħtieġa. Il-bord ta' selezzjoni jwettaq l-intervisti. Sabiex jiġi faċilitat il-proċess ta' selezzjoni, il-bord ta' selezzjoni jista' jagħmel konverżazzjoni telefonika waħda jew aktar mal-kandidati sabiex jifhem b'mod ċar l-isfond tagħhom qabel ma jistednuhom għall-intervista.

Fl-istess ġurnata tal-intervista l-kandidati jkunu meħtieġa joqogħdu għat-testijiet bil-miktub għal total ta' sagħtejn/tliet sigħat. It-testijiet jirrigwardaw għarfien ġenerali, il-kapaċitajiet lingwistiċi meħtieġa għall-qadi ta' dmirijiethom, għarfien dwar l-integrazzjoni Ewropea u l-istituzzjonijiet, kif ukoll il-kompetenzi speċifiċi b'referenza għall-profil tal-kandidati.

Livell għoli ta' Inġliż kif ukoll għarfien tajjeb ta' lingwa uffiċjali oħra tal-Unjoni Ewropea sal-livell meħtieġ għall-qadi ta' dmirijietu/dmirijietha huwa rekwiżit importanti. Jekk jogħġbok innota li jekk l-lingwa tiegħek hija l-Inġliż, madwar nofs l-intervista ssir fit-tieni lingwa tiegħek iddikjarata minnek.

L-indirizz indikat fuq il-formola tal-applikazzjoni għandu jintuża bħala l-post fejn il-kandidati jeħtieġ imorru meta jiġu mistiedna għall-intervista.

Fażi 5 Preżentazzjoni ta' applikazzjoni kompluta (tapplika biss għall-kandidati mistiedna biex jattendu intervista)

Sabiex l-applikazzjoni tiġi kkunsidrata bħala kompluta, il-kandidati **għandhom iġibu magħhom, fil-ġurnata tal-intervista, fotokopji tad-dokumenti kollha ta' sostenn (diplomi, ċertifikati, referenzi professjonali, ittri minn korpi uffiċjali tal-UE li jirrikonoxxu diplomi li mhumie x tal-UE, eċċ.) li huma meħtieġa sabiex jipprovaw li dawn jissodisfaw il-kundizzjoniet kollha għall-ammissjoni.** Id-dokumenti tal-esperjenza professjonali għandhom jindikaw id-dati tal-bidu u tat-tmiem tal-karigi preċedenti kif ukoll id-dati tal-bidu tal-kariga preżenti. Fil-jum tal-intervista l-kandidat se jkollu jiffirma l-formola tal-applikazzjoni tiegħu u filwaqt li jagħmel dan il-kandidat jiddikjara fuq l-unur tiegħu li l-informazzjoni forunta hija kompluta u eżatta.

L-applikazzjoni ma tistax tiġi aċċettata jekk id-dokumenti mhumie x kompluti u l-formola tal-applikazzjoni ffirmata fil-ġurnata tal-intervista. Il-kandidati li ma jippreżentawx id-dokumenti speċifikati sal-ġurnata tal-intervista ma jistgħux jibqgħu jittieħdu f'kunsiderazzjoni.

Eliġibbiltà

Edukazzjoni, ċertifikati u diplomi

Il-kandidati għandhom jipprovdu fotokopji ta' ċertifikati jew diplomi biex juru li temmew l-istudji fil-livell meħtieġ mill-avviż tal-proċedura tas-selezzjoni. L-ewwel lawrja/diploma miksuba mill-kandidat illi tagħtih aċċess għall-kategorija tar-reklutaġġ u li hi rilevanti għan-notifika tal-proċedura tas-selezzjoni tingħadd għall-ammissjoni fil-proċedura tas-selezzjoni.

Fil-każ ta' taħriġ speċjalizzat jew taħriġ ulterjuri miksub, il-kandidati għandhom jispeċifikaw jekk il-kors kienx *full-time* jew *part-time*, liema suġġetti ġew koperti u t-tul uffiċjali tal-kors.

Jiġu aċċettati biss diplomi maħruġa mill-awtoritajiet tal-Istati Membri u diplomi magħrufa bħala ekwivalenti mill-korpi rilevanti tal-Istati Membri tal-UE. Jekk l-istudji ewlenin ikunu saru barra mill-Unjoni Ewropea, il-kwalifiki tal-kandidat għandhom ikunu ġew rikonoxxuti minn korp delegat b'mod uffiċjali għal dan il-għan minn wiehded mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (bħal Ministeru nazzjonali tal-Edukazzjoni).

Esperjenza

L-esperjenza professjonali relatata mal-oqsma ta' attività tal-Aġenzija tiġi kkunsidrata u tingħadd miż-żmien meta l-kandidat kiseb iċ-ċertifikat jew diploma meħtieġa għall-ammissjoni għall-proċedura tas-selezzjoni.

F'każ ta' dottorat/PhD il-perjodu effettiv tal-istudji għandu jiġi kkunsidrat bħala esperjenza professjonali, soġġett għal limitu ta' tliet snin. Fil-każ ta' kwalifiki oħra, għandu jiġi kkunsidrat il-perjodu statutarju tal-istudji. Servizz militari u servizz ċivili ekwivalenti għandhom jitqiesu bħala esperjenza professjonali. Xogħol *part-time* għandu jiġi kkunsidrat fi proporzjon mal-perċentwal iddikjarat tal-impjeg permanenti. L-ebda perjodu m'għandu jgħodd aktar minn darba.

Il-kandidati għandhom jipprovdu dokumenti ta' sostenn li jikkonfermaw *it-tul u n-natura* tal-esperjenza tagħhom. Jekk, għal raġunijiet ta' riservatezza, il-kandidati ma jistgħux jipprovdu d-dikjarazzjoni meħtieġa għall-impjeg preżenti tagħhom, *għandhom* jipprovdu fotokopji tal-kuntratt, l-ittra tar-reklutaġġ u/jew l-ewwel folja tal-paga u f'kull każ kopja tal-aħħar folja tal-paga.

Kandidati *freelance* jew impjegati għal rashom għandhom jew jipprovdu ċertifikat tal-prattika (jew ekwivalenti), jew kopja ta' dħul fir-reġistru rilevanti tal-kummerċ, jew kwalunkwe dokument uffiċjali ieħor (pereżempju fiskali) li juri b'mod ċar it-tul tal-esperjenza professjonali rilevanti.

Opportunitajiet indaqs

L-Aġenzija tapplika politika ta' opportunitajiet indaqs u taċċetta applikazzjonijiet mingħajr ma tagħmel distinzjoni fuq bażi ta' sess, razza, kulur, oriġini etniċi jew soċjali, karatteristiċi ġenetiċi, lingwa, konvinzjonijiet jew opinjonijiet ta' natura reliġjuża, politika jew ta' xort'oħra, appartenenza għal minoranza nazzjonali, sitwazzjoni finanzjarja, twelid, diżabilità, orjentament sesswali, stat ċivili jew sitwazzjoni familjari.

Selezzjoni

Jiġi stabbilit bord ta' selezzjoni għall-proċedura tas-selezzjoni. Dan ikun jikkonsisti f'membri nnominati mid-Direttur Eżekuttiv u mill-Kumitat tal-Impjegati. Il-prinċipju tar-riservatezza huwa stabbilit fl-Artikolu 6 tal-Anness III tar-Regolamenti tal-Persunal, li jiddikjara li l-proċedimenti tal-bord ta' selezzjoni għandhom ikunu sigrieti. Dan il-prinċipju għandhom skop doppju: l-ewwel jimponi obbligi biex jiżgura trattament ugwali għall-kandidati; u t-tieni, jipprova jipproteġi lill-bord ta' selezzjoni sabiex jiżgura li d-deċiżjonijiet tiegħu ikun għal kollox imparzjali.

Il-kandidati magħżula fost l-applikanti kollha, li l-bord ta' selezzjoni jqis bħala li jaqblu l-aktar mal-profil meħtieġ, jiġu mistiedna għall-intervista kif u meta tinqala' l-ħtieġa. Il-bord ta' selezzjoni jagħmel l-intervisti. Sabiex jiġi faċilitat il-proċess tal-għażla, il-bord ta' selezzjoni jista' jagħmel konverżazzjoni telefonika waħda jew aktar mal-kandidati sabiex jifhem b'mod ċar l-isfond tagħhom qabel ma jistednuhom għall-intervista.

Fil-ġurnata tal-intervista l-kandidati jkunu meħtieġa joqogħdu għat-testijiet bil-miktub għal total ta' sagħtejn/tliet sigħat. It-testijiet jirrigwardaw l-għarfien ġenerali, il-kapaċitajiet lingwistiċi meħtieġa għall-qadi ta' dmirijiethom, għarfien dwar l-integrazzjoni Ewropea u l-istituzzjonijiet, kif ukoll il-kompetenzi speċifiċi b'referenza għall-profil tal-kandidati.

Il-bord ta' selezzjoni jimxi b'mod mal-kundizzjonijiet tal-ammissjoni stabbiliti fl-avviż tal-pubblikazzjoni meta jiddeċiedi jekk il-kandidati għandhomx jiġu ammessi jew le. Il-kandidati li ġew ammessi għal proċedura tas-selezzjoni li tkun saret qabel, ma jkunux eliġibbli awtomatikament. **Il-kandidati mhuwix awtorizzati jagħmlu kwalunkwe kuntatt mal-membri tal-Bord ta' selezzjoni, kemm direttament kif ukoll indirettament. Kull ksur ta' din ir-regola jista' jwassal għal skwalifika mill-proċedura tas-selezzjoni.**

F'każ li l-bord ta' selezzjoni jiskopri fi kwalunkwe fażi tal-proċedura li l-kandidat ma jissodisfax waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet ġenerali jew speċjali għall-ammissjoni għall-proċedura tas-selezzjoni, jew li l-informazzjoni fil-formola tal-applikazzjoni ma tikkorrispondix mad-dokumenti ta' sostenn, il-kandidat mhuwix se jittieħed iktar f'kunsiderazzjoni.

Il-bord ta' selezzjoni jiddeċiedi dwar dawk il-kandidati li jiġu ammessi għall-proċedura tas-selezzjoni skont ir-rekwiżiti kif speċifikat fl-avviż tal-pubblikazzjoni. L-applikazzjonijiet tal-kandidati li jiġu ammessi għall-proċedura tas-selezzjoni jiġu eżaminati u l-bord ta' selezzjoni jiddeċiedi dwar dawk il-kandidati li jiġu mistiedna biex jattendu għall-intervista. Wara l-intervisti, li jsiru mill-bord ta' selezzjoni, dan tal-aħħar jiddeċiedi liema kandidati jitqiegħdu fil-lista ta' riżerva.

Lista ta' riżerva u Reklutaġġ

Kull kandidat jiġi infurmat permezz ta' ittra jekk tniżżilx jew le fil-lista ta' riżerva. Il-kandidati għandhom jinnotaw li jekk jitniżżlu fil-lista ta' riżerva dan mhux garanzija ta' impjeg. Il-proċedura ta' reklutaġġ hija din li ġejja: kif u meta tinqala' l-ħtieġa u l-fondi jsiru disponibbli, il-kandidati fuq il-lista ta' riżerva jiġu kkunsidrati u l-lista ta' riżerva tintuża biex jimtlew il-postijiet battala. Jekk tinħareġ ittra ta' intenzjoni, il-kandidati se jkollhom jagħmlu eżami mediku obligatorju biex jiġi stabbilit li huma għandhom is-saħħa fiżika meħtieġa biex iwettqu d-dmirijiet previsti u għandhom jipprovdu d-dokumenti kollha rilevanti l-orijinali jew kopji ċċertifikati tagħhom.

Għandu jiġi innutat illi l-età tal-pensjoni għall-persunal hija:

- jew awtomatikament fl-età ta' 65 sena;

- jew, fuq talba tal-membru tal-persunal stess, fl-età ta' 63 sena jew fejn il-membru tal-persunal għandu bejn 55 u 63 sena u jissodisfa, hekk kif speċifikat fil-Kundizzjonijiet tal-Impjeg ta' Impjegati Oħra, ir-rekwiżiti għal ħlas immedjat tal-pensjoni;

Perjodu ta' prova

Il-kandidati li jiġu rreklutati għal kuntratt ta' mill-inqas sena għandhom jagħmlu perjodu ta' prova ta' 9 xhur.

Paga u benefiċċji soċjali

Il-paga tal-impjegati tikkonsisti f'salarju bażiku u, skont is-sitwazzjoni personali, hija ssupplimentata b'diversi konċessjonijiet, inklużi konċessjonijiet tal-familja. Teżisti skala tas-salarju bażiku għal kull grad, maqsuma f'numru ta' livelli. Kull sentejn, l-impjegati jimxu awtomatikament għal-livell li jmiss sakemm jilħqu l-livell ta' fuq tal-iskala għal dak il-grad. Minbarra s-salarju bażiku tagħhom, l-impjegati jistgħu jkollhom id-dritt għal diversi konċessjonijiet, b'mod partikolari konċessjoni tal-espatriazzjoni jew ta' residenza barranija, u konċessjonijiet tal-familja, inklużi konċessjoni għall-ħtiġijiet tal-familja, konċessjoni tat-tfal dipendenti, konċessjoni ta' qabel l-iskola u konċessjoni tal-edukazzjoni.

L-aġenti kuntrattwali għandhom id-dritt għall-assigurazzjoni medika, li taħdem bħal skema privata ta' rimborż mediku, għall-assigurazzjoni għall-inċidenti u għall-assigurazzjoni għall-qgħad. Fejn il-kuntratt tal-aġent kuntrattwali ikun ta' inqas minn sena, l-aġent kuntrattwali jista' jagħżel liema skema nazzjonali jrid li fiha jħallas il-kontribuzzjonijiet soċjali tiegħu. Fejn l-aġent kuntrattwali ikollu kuntratt ta' sena jew iktar, il-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni jitħallsu lill-iskema tal-Komunità Ewropea, u t-trasferiment lura fl-iskema tas-sigurtà soċjali nazzjonali magħżula minnu jibda japplika mat-tmiem tal-kuntratt tiegħu.

F'ċerti ċirkostanzi, b'mod partikolari meta l-impjegati huma fl-obbligu li jibdlu l-post tar-residenza tagħhom sabiex jibdew l-impjeg, l-Aġenzija tista' trodd lura diversi spejjeż li jkunu saru mar-reklutaġġ, b'mod partikolari spejjeż ta' ġarr u tista' tipprovdi konċessjoni għall-installazzjoni, jiddependi fuq it-tul tal-kuntratt.

Id-dritt għal-liv annwali, flimkien mal-vaganzi tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, jammonta għal 24 ġurnata kull sena u/jew jumejn kull xahar li taħdem.

Taxxa Komunitarja

Is-salarji tal-impjegati huma soġġetti għal taxxa Komunitarja mnaqqsa qabel ma jsir il-ħlas. Huma eżenti mit-taxxa nazzjonali fuq is-salarju u huma membri tal-iskemi Komunitarji tas-sigurtà soċjali u tal-pensjonijiet.

Remunerazzjoni

Ir-rimunerazzjoni ta' aġenti kuntrattwali tikkonsisti minn salarju bażiku, peżat li jikkompensa l-ispejjeż tal-ħajja f'Londra, kwoti addizzjonali u tnaqqis tat-taxxa u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali.

Bażiku Salarju: Hemm skala ta' salarju bażiku għal kull grad, maqsuma f'numru ta' skali. Eżempji ta' salarju bażiku fix-xahar (ċifri validi mill-1 ta' Jannar 2010 u ma jinkludu ebda kwoti u l-ippeżar ta' Londra):

Grupp IV Funzjoni Grad 13 skala 1: € 3,086.25

Grupp III Funzjoni Grad 8 skala 1: € 2,410.84

Grupp II Funzjoni Grad 4 skala 1: € 1,883.05

Fattur koeffiċjenti: biex tikkompensa l-ispejjeż tal-ħajja f'Londra: l-ippeżar ta' Londra huwa attwalment 120.3 (u 100 huwa l-bażi).

Konċessjonijiet: Minbarra s-salarju bażiku tagħhom, aġenti kuntrattwali jista' jkunu intitolati għal allokkazzjonijiet diversi, eż. ta' espatrijazzjoni jew allokkazzjoni ta' residenza barranija (skont jekk il-kandidat ikun telaq l-Istat Membru tiegħu/tagħha biex jieħdu impjieg mal-Aġenzija), u allokkazzjonijiet tal-familja (skont iċ-ċirkostanzi personali): allokkazzjoni tal-familja, allokkazzjoni għal tfal dipendenti, allokkazzjoni ta' qabel l-iskola, allokkazzjoni għan-nerserij u allokkazzjoni għall-edukazzjoni.

Eżempji ta' Kwoti:

Allokkazzjoni ta' Tfal dipendenti: € 365.60 għal kull tifel/xahar.

Allokkazzjoni għall-Edukazzjoni: limitu uniku € 248.06, limitu doppju € 496.12

Allokkazzjoni għal Qabel l-Iskola: € 89.31

Tnaqqis: L-Aġenti Kuntrattwali jħallsu taxxa Komunitarja fis-sors u jsir tnaqqis huma għal assigurazzjoni medika, pensjonijiet u assigurazzjoni tal-qgħad. Is-salarji huma eżentati mit-taxxa nazzjonali.

Informazzjoni preċiża dwar il-livelli individwali tas-salarji u l-konċessjonijiet hija disponibbli mid-Dipartiment tal-Persunal.

Protezzjoni tad-dejta

L-iskop tal-ipproċessar tad-dejta li inti tissottometti huwa li sabiex tkun tista' tiġi ġestita l-applikazzjoni tiegħek għall-għanijiet ta' preselezzjoni u reklutaġġ possibbli mal-EMEA.

L-Aġenzija ma tippubblikax l-ismijiet ta' kandidati fuq il-listi ta' riżerva. Madankollu, huwa possibbli li, għall-iskopijiet ta' reklutaġġ u ta' ppjanar relatat ma' dan, membri tat-tim ta' ġestjoni tal-Aġenzija jista' jkollhom aċċess għal listi ta' riżervi u f'każijiet speċifiċi, għal formula ta' applikazzjoni ta' kandidat (mingħajr id-dokumenti ta' sostenn, li huma miżmuma f'riservatezza fid-dipartiment tal-persunal). Fajls ta' applikazzjoni huma miżmuma għal ħames snin mid-data li fiha stabbilita l-lista ta' riżerva u jinqerdu wara dan iż-żmien.

L-informazzjoni personali mitluba lill-kandidati sejra tiġi proċessata bi qbil mar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-*data*.

Proċeduri ta' appell

Il-kandidat li jħoss li ġie ttrattat inġustament jista' jitlob li l-applikazzjoni tiegħu tiġi kkunsidrata mill-ġdid. Il-kandidat għandu jibgħat, fi żmien 20 jum tal-kalendarju mid-data tat-timbru tal-posta fuq l-ittra li tiddikjara li ma ġiex ammess għall-proċedura tas-selezzjoni, talba għal reviżjoni, li fiha jikkwota n-numru tal-proċedura tas-selezzjoni konċernata lill-President tal-Bord ta' Selezzjoni f'dan l-indirizz: Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, 7 Westferry Circus, Canary Wharf, London E14 4HB, Ir-Renju Unit.

Il-Bord ta' selezzjoni jerġa' jikkunsidra l-applikazzjoni u javża lill-kandidat bid-deċiżjoni tiegħu fi żmien 45 jum tal-kalendarju minn meta jirċievi l-ittra.

Jekk kandidat iħoss li huwa ntlaqat ħażin minn deċiżjoni partikolari, jista' jressaq ilment taħt l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg għal Impjegati Oħra tal-Komunitajiet Ewropej, f'dan l-indirizz:

Executive Director
European Medicines Agency
7 Westferry Circus
Canary Wharf
Londra E14 4HB

L-ilment għandu jintbagħat fi żmien 3 xhur. Il-limitu ta' żmien sabiex tinbeda din it-tip ta' proċedura (ara Regolamenti tal-Persunal hekk kif modifikati mir-Regolament tal-Kunsill Nru 723/2004 tat-22 ta' Marzu 2004 ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L

124 tas-27 ta' April 2004 – <http://europa.eu.int/eur-lex>) jibda jingħadd sa miż-żmien meta l-kandidat jiġi notifikat mill-att li laqtu ħażin.

Jekk l-ilment huwa miċħud il-kandidat jista' jressaq każ skont l-Artikolu 236 tat-Trattat tal-KE u skont l-Artikolu 91 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u l-Kundizzjonijiet tal-Impjeg ta' impjegati oħra tal-Komunitajiet Ewropej quddiem:

It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea
Indirizz Postali:
L-2925 Il-Lussemburgu

Jekk jogħġbok innota li l-awtorità li taħtar m'għandhiex il-poter li temenda deċiżjoni ta' bord ta' selezzjoni. Skont il-ġurisprudenza koereanti, id-diskrezzjoni wiesgħa li għandhom il-bordijiet ta' selezzjoni mhijiex soġġetta għal reviżjoni mill-Qorti, sakemm ma jkunux inkisru r-regoli li jirregolaw il-proċeduri ta' bordijiet ta' selezzjoni.

Huwa wkoll possibbli li jitressaq ilment lill-Ombudsman Ewropew skont l-Artikolu 195(1) tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea u bi qbil mal-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Marzu 1994 dwar ir-Regolamenti tal-Persunal u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twettiq tad-dmirijiet tal-Ombudsman, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 113 tal-4 ta' Mejju 1994:

Ombudsman Ewropew
1 Avenue du Président Robert Schuman – BP 403
F-67001 Strasburgu Cedex

Jekk jogħġbok innota li l-ilmenti mressqa lill-Ombudsman ma jikkawżawx is-sospensjoni tal-perjodu imniżżel fl-Artikoli 90(2) u 91 tar-Regolamenti tal-Persunal sabiex jiġi ippreżentat, rispettivament, ilment jew appell lit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 236 tat-Trattat tal-KE.

Rakkomandazzjonijiet prattiċi għall-preżentazzjoni elettronika tal-applikazzjoni

Sabiex tuża l-formola tal-applikazzjoni huwa meħtieġ li tuża l-verżjoni 8 tal-Adobe Acrobat Reader. L-Adobe Acrobat Reader huwa softwer *plug-in* disponibbli fil-maġġoranza tal-kompjuters. Jekk jogħġbok iwwerifika li għandek il-verżjoni 8 installata fil-kompjuter tiegħek, inkella nirrakkomandaw li tniżżel il-verżjoni 8 mingħajr ħlas mill-indirizz tal-internet li ġej, skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-kompjuter tiegħek:

http://www.adobe.com/products/acrobat/readstep2_allversions.html

Jekk m'għandekx il-Verżjoni 8 tal-Adobe Acrobat Reader installata fil-kompjuter tiegħek, il-formola tal-applikazzjoni ma taħdimx tajjeb. Ladarba tkun imlejt il-formola tal-applikazzjoni kklikkja fuq il-buttuna "*Submit by Email*" (*Ibgħat bil-posta elettronika*) li tinsab fuq fin-naħa tal-lemin tal-formola tal-applikazzjoni. Il-formola tal-applikazzjoni tiegħek tiġi trasformata f'fajl xml u mehmuża f'e-mail. Wara kklikkja fuq il-buttuna "ibgħat" tal-posta elettronika sabiex tiżgura li l-formola tal-applikazzjoni tiegħek tkun intbagħtet b'mod korrett lill-Aġenzija. Fil-posta elettronika m'hemm għalfejn tikteb l-ebda messaġġ. Fil-prinċipju, m'għandekx tibgħat verżjoni PDF permezz ta' posta elettronika separata. Madankollu, jekk għandek servizz tal-posta elettronika bbażat fuq l-internet biss (pereżempju, hotmail) l-ewwel issejvja l-formola fuq id-desktop, ehmiżha ma' e-mail u mbagħad ibgħatha lil: selection_procedures@ema.europa.eu. Għandek tirċievi tweġiba awtomatizzata mill-Aġenzija li tikkonferma l-irċevuta tal-e-mail tiegħek.

Qabel ma timla l-formola tal-applikazzjoni huwa importanti ħafna li taqra sew l-istruzzjonijiet kollha mogħtija f'dan id-dokument, partikolarment billi tagħti attenzjoni għad-data ta' skadenza tal-applikazzjoni. Jekk jogħġbok żomm f'moħħok li minħabba n-numru kbir ta' applikazzjonijiet li nirċievu, meta toqrob id-data ta' skadenza tal-preżentazzjoni, is-sistema tista' tiltaqa' ma' xi diffikultajiet sabiex tipproċessa dak l-ammont kbir ta' dejta. Għalhekk, l-applikanti huma avżati sabiex jibagħtu l-formola tal-applikazzjoni tagħhom sew qabel id-data ta' skadenza. Jekk jogħġbok innota li jkollok bżonn indirizz tal-posta elettronika li jkun validu.

Il-formola tal-applikazzjoni li għandek tintuża hija disponibbli bl-Ingliż biss. Din il-formola tal-applikazzjoni tista' timtela fi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. It-

traduzzjonijiet tal-formola tal-applikazzjoni fil-lingwi uffiċjali l-oħra huma furnuti għal skopijiet ta' referenza biss.

F'każ ta' diffikultajiet jekk jogħġbok ikkuntattja lis-Sur Tommy Johansson +44 20 75 23 74 jew lis-Sur Hendrik Feddersen +44 20 75 23 70 07 matul il-ħinijiet normali tal-uffiċċju. TĦALLIX għall-aħħar mument jekk għandek xi diffikultajiet tekniċi!